



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0001/2012

11.1.2012

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja
(COM(2011)0215 – C7-0099/2011 – 2011/0093(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Bernhard Rapkay

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA.....	30
PROCĊEDURA.....	44

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja (COM(2011)0215 – C7-0099/2011 – 2011/0093(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0215),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 118(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0099/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0001/2012),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Il-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja għandu jinkiseb billi jingħata effett unitarju lill-privattivi Ewropej fil-fażi ta' wara l-għotja permezz ta' dan ir-Regolament u fir-rigward tal-Istati Membri

Emenda

(7) Il-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja għandu jinkiseb billi jingħata effett unitarju lill-privattivi Ewropej fil-fażi ta' wara l-għotja permezz ta' dan ir-Regolament u fir-rigward tal-Istati Membri

parteċipanti. Il-karatteristika ewlenija tal-privattivi Ewropej b'effett unitarju għandha tkun il-karattru unitarju tagħhom, jiġifieri li jipprovdu protezzjoni uniformi u li għandhom effett indaqs fl-Istati Membri parteċipanti kollha. Konsegwentement, privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha tiġi limitata, **liċenzjata**, trasferita, revokata jew skaduta biss fir-rigward tal-Istati Membri parteċipanti kollha. Sabiex jiġi żgurat l-ambitu sostantiv uniformi ta' protezzjoni mogħtija minn protezzjoni tal-privattiva unitarja, privattivi Ewropej li jkunu ngħataw għall-Istati Membri parteċipanti kollha bl-istess sett ta' talbiet biss għandhom jibbenefikaw minn effett unitarju. **Madankollu, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali fil-każ ta' limitazzjoni jew revoka għar-raġuni ta' nuqqas ta' oriġinalità skont l-Artikolu 54(3) tal-KEP, il-limitazzjoni jew ir-revoka ta' privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha sseħħ biss fir-rigward tal-Istat(i) Membru/i parteċipanti indikat(i) fl-applikazzjoni tal-privattiva Ewropea kif ippubblikata li tkun saret qabel.** Fl-aħħar nett, l-effett unitarju attribbwit lil privattiva Ewropea għandu jkollu natura aċċessorja u m'għandux jibqa' jeżisti jew jiġi limitat sal-punt li l-privattiva Ewropea bażika tkun ġiet revokata jew limitata.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 9 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

parteċipanti **kollha**. Il-karatteristika ewlenija tal-privattivi Ewropej b'effett unitarju għandha tkun il-karattru unitarju tagħhom, jiġifieri li jipprovdu protezzjoni uniformi u li għandhom effett indaqs fl-Istati Membri parteċipanti kollha. Konsegwentement, privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha tiġi limitata, liċenzjata, trasferita, revokata jew skaduta biss fir-rigward tal-Istati Membri parteċipanti kollha. **Għandu jkun possibbli li Privattiva Ewropea b'effett unitarju tkun liċenzjata fir-rigward tat-territorji kollha tal-Istati Membri parteċipanti jew parti minnhom.** Sabiex jiġi żgurat l-ambitu sostantiv uniformi ta' protezzjoni mogħtija minn protezzjoni tal-privattiva unitarja, privattivi Ewropej li jkunu ngħataw għall-Istati Membri parteċipanti kollha bl-istess sett ta' talbiet biss għandhom jibbenefikaw minn effett unitarju. Fl-aħħar nett, l-effett unitarju attribbwit lil privattiva Ewropea għandu jkollu natura aċċessorja u m'għandux jibqa' jeżisti jew għandu jiġi limitat sal-punt li l-privattiva Ewropea bażika tkun ġiet revokata jew limitata.

Emenda

(9a) Il-kwistjoni ta' liċenzji obligatorji mhijiex koperta minn dan ir-Regolament. Liċenzji obligatorji ta' privattivi Ewropej b'effett unitarju għandhom ikunu rregolati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri parteċipanti fit-territorji rispettivi tagħhom.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 11 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) Ir-reġim applikabbli għad-danni għandu jkun irregolat mil-liġijiet tal-Istati Membri parteċipanti, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jimplimentaw l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħtu lill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi ċerti kompiti amministrattivi relatati ma' privattivi Ewropej b'effett unitarju, b'mod partikolari fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' talbiet għal effett unitarju, ir-reġistrazzjoni tal-effett unitarju u ta' kwalunkwe limitazzjoni, liċenzja, trasferiment, revoka jew skadenza ta' privattivi Ewropej b'effett unitarju, il-ġbir u d-distribuzzjoni mill-ġdid tat-tariffi ta' tiġdid, il-pubblikazzjoni ta' traduzzjonijiet għall-finijiet ta' informazzjoni matul perjodu tranżitorju u l-amministrazzjoni ta' skema ta' kumpens ta' spejjeż ta' traduzzjoni għall-applikanti li qed jippreżentaw applikazzjonijiet għal privattivi Ewropej f'lingwa oħra li mhijiex waħda mil-lingwi uffċjali tal-Uffiċċju

(15) L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħtu lill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi ċerti kompiti amministrattivi relatati ma' privattivi Ewropej b'effett unitarju, b'mod partikolari fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' talbiet għal effett unitarju, ir-reġistrazzjoni tal-effett unitarju u ta' kwalunkwe limitazzjoni, liċenzja, trasferiment, revoka jew skadenza ta' privattivi Ewropej b'effett unitarju, il-ġbir u d-distribuzzjoni mill-ġdid tat-tariffi ta' tiġdid, il-pubblikazzjoni ta' traduzzjonijiet għall-finijiet ta' informazzjoni matul perjodu tranżitorju u l-amministrazzjoni ta' skema ta' kumpens ta' spejjeż ta' traduzzjoni għall-applikanti li qed jippreżentaw applikazzjonijiet għal privattivi Ewropej f'lingwa oħra li mhijiex waħda mil-lingwi uffċjali tal-Uffiċċju

Ewropew tal-Privattivi. *L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li t-talbiet għal effett unitarju jiġu ppreżentati lill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza tal-għotja fil-Bullettin Ewropew tal-Privattivi u li jkunu ppreżentati fil-lingwa tal-proċeduri quddiem l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi flimkien mat-traduzzjoni preskritta mir-Regolament tal-Kunsill .../... [arranġamenti għat-traduzzjoni], matul il-perjodu tranżitorju.*

Ewropew tal-Privattivi.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 15 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Fil-qafas tal-Kumitat Selettiv, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li t-tmexxija u s-superviżjoni tal-attivitajiet relatati mal-kompiti fdati lill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi mill-Istati Membri parteċipanti, jiżguraw li t-talbiet għal effett unitarju jiġu ppreżentati lill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza tal-għotja fil-Bullettin Ewropew tal-Privattivi u jiżguraw li jkunu ppreżentati fil-lingwa tal-proċeduri quddiem l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi flimkien mat-traduzzjoni preskritta, matul il-perjodu tranżitorju, mir-Regolament tal-Kunsill .../... [arranġamenti għat-traduzzjoni]. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw l-istabbiliment, f'konformità mal-arranġamenti għall-votazzjoni fl-Artikolu 35(2) tal-KEP, tal-livell ta' tariffi ta' tiġdid u s-sehem tad-distribuzzjoni ta' tariffi ta' tiġdid f'konformità mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Il-proprjetarji tal-privattivi għandhom iħallsu tariffa ta' tiġdid waħda, annwali u komuni għall-privattivi Ewropej b'effett unitarju. It-tariffi ta' tiġdid għandhom ikunu progressivi matul it-terminu ta' protezzjoni tal-privattiva u, flimkien mat-tariffi li jridu jitħallsu lill-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi matul l-istadju ta' qabel l-għotja, għandhom ikopru l-ispejjeż kollha assoċjati mal-għotja tal-privattiva Ewropea u mal-amministrazzjoni ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja. Il-livell tat-tariffi ta' tiġdid għandu jiġi ffissat bil-għan li tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni u titrawwem il-kompetittività tan-negozji Ewropej. Għandu jirrifletti wkoll id-daqs tas-suq kopert mill-privattiva u jkun simili għal-livell tat-tariffi nazzjonali ta' tiġdid għal privattiva Ewropea medja li tidħol fis-seħħ fl-Istati Membri parteċipanti fiż-żmien fejn il-livell tat-tariffi tat-tiġdid jiġi ffissat l-ewwel **mill-Kummissjoni**.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) It-tariffi ta' tiġdid għandhom jitħallsu lill-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi. **50 % minnhom, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż imġarrba mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi fit-twettiq ta' kompiti fir-rigward tal-protezzjoni tal-privattiva unitarja, għandhom** jiġu distribwiti fost l-

Emenda

(16) Il-proprjetarji tal-privattivi għandhom iħallsu tariffa ta' tiġdid waħda, annwali u komuni għall-privattivi Ewropej b'effett unitarju. It-tariffi ta' tiġdid għandhom ikunu progressivi matul it-terminu ta' protezzjoni tal-privattiva u, flimkien mat-tariffi li jridu jitħallsu lill-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi matul l-istadju ta' qabel l-għotja, għandhom ikopru l-ispejjeż kollha assoċjati mal-għotja tal-privattiva Ewropea u mal-amministrazzjoni ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja. Il-livell tat-tariffi ta' tiġdid għandu jiġi ffissat bil-għan li tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni u titrawwem il-kompetittività tan-negozji Ewropej, ***filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ta' entitajiet speċifiċi bħalma huma l-impriżi żgħar u medji, pereżempju fil-forma ta' tariffi aktar baxxi***. Għandu jirrifletti wkoll id-daqs tas-suq kopert mill-privattiva u jkun simili għal-livell tat-tariffi nazzjonali ta' tiġdid għal privattiva Ewropea medja li tidħol fis-seħħ fl-Istati Membri parteċipanti fiż-żmien fejn il-livell tat-tariffi tat-tiġdid jiġi ffissat l-ewwel.

Emenda

(18) It-tariffi ta' tiġdid għandhom jitħallsu lill-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi. ***L-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi għandu jżomm ammont biex ikopri l-ispejjeż li jiġu ġġenerati fl-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi fit-twettiq ta' kompiti fir-rigward tal-protezzjoni tal-privattiva unitarja***

Istati Membri parteċipanti, u għandhom jintużaw għal finijiet relatati mal-privattiva. Is-sehem tad-distribuzzjoni għandu jiġi stipulat abbażi ta' kriterji ġusti, ekwitabbli u rilevanti jiġifieri il-livell tal-attività tal-privattiva u d-daqs tas-suq. Id-distribuzzjoni għandha tipprovdi kumpens talli jkun hemm lingwa uffiċjali oħra li mhijiex waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, għal livell baxx b'mod sproporzjonat ta' attività tal-privattivi u għall-ksib ta' sħubija tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi pjuttost *ricêtement*.

f'konformità mal-Artikolu 146 KEP. L-ammont li jifdal għandu jiġi distribwit fost l-Istati Membri parteċipanti, u ***għandu jintuża*** għal finijiet relatati mal-privattiva. Is-sehem tad-distribuzzjoni għandu jiġi stipulat abbażi ta' kriterji ġusti, ekwitabbli u rilevanti jiġifieri il-livell tal-attività tal-privattiva u d-daqs tas-suq, ***u għandu jiġġarantixxi ammont minimu li għandu jiġi distribwit mill-ġdid lil kull Stat Membru parteċipanti sabiex jinżamm funzjonament bilanċjat u sostenibbli tas-sistema***. Id-distribuzzjoni għandha tipprovdi kumpens talli jkun hemm lingwa uffiċjali oħra li mhijiex waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, għal livell baxx b'mod sproporzjonat ta' attività tal-privattivi ***stabbilita fuq il-bażi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea (EIS)*** u għall-ksib ta' sħubija tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi pjuttost *riċenti*.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Sabiex ikunu żgurati l-livell u d-distribuzzjoni xierqa tat-tariffi ta' tiġdid skont il-prinċipji stipulati f'dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-livell tat-tariffi ta' tiġdid għal privattivi Ewropej b'effett unitarju u d-distribuzzjoni ta' dawn it-tariffi bejn l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi u l-Istati Membri parteċipanti. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, waqt li tħejji u

Emenda

imħassar

tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda 9

**Proposta għal regolament
Premessa 21 a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21a) Il-ġurisdizzjoni għall-privattivi Ewropej b'effett unitarju għandha tiġi stabbilita u rregolata minn strument li jistabbilixxi sistema unifikata għall-litigazzjoni dwar il-privattivi għall-privattivi Ewropej u għall-privattivi Ewropej b'effett unitarju.

Emenda 10

**Proposta għal regolament
Premessa 21 b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21b) Għall-fini li jkun żgurat il-funzjonament tajjeb tal-privattivi Ewropej b'effett unitarju, il-konsistenza tal-ġurisprudenza u allura ċ-ċertezza ġuridika, u l-kost-effiċjenza għad-detenturi tal-privattivi, l-istabiliment ta' Qorti Unifikata tal-Privattivi għas-smigħ ta' kawżi li jikkonċernaw il-privattivi Ewropej b'effett unitarju huwa essenzjali. Għalhekk huwa tal-akbar importanza li l-Istati Membri parteċipanti jirratifikaw il-Ftehim dwar Qorti tal-Privattivi Unitarji skont il-proċeduri kostituzzjonali u parlamentari nazzjonali tagħhom u jieħdu l-passi meħtieġa biex dik il-Qorti ssir operazzjonali mill-aktar fis possibbli.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) "Privattiva Ewropea b'effett unitarju" tfisser privattiva Ewropea li tibbenefika minn effett unitarju fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti permezz ta' dan ir-Regolament;

Emenda

(c) "Privattiva Ewropea b'effett unitarju" tfisser privattiva Ewropea li tibbenefika minn effett unitarju fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti **kollha** permezz ta' dan ir-Regolament;

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 2 – punt d a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) "Reġistru għall-protezzjoni tal-privattiva unitarja" ifisser ir-reġistru li jikkonstitwixxi parti mir-Reġistru Ewropew tal-Privattivi fejn huma reġistrati l-effett unitarju u kull limitazzjoni, liċenzja, trasferiment, revoka jew skadenza ta' privattiva Ewropea b'effett unitarju;

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-privattivi Ewropej mogħtija b'ambitu identiku ta' protezzjoni fir-rigward tal-Istati Membri parteċipanti kollha għandhom jibbenefikaw minn effett unitarju fl-Istati Membri parteċipanti sakemm l-effett unitarju tagħhom ikun ġie rreġistrat fir-Reġistru għall-protezzjoni tal-privattiva unitarja msemmi **fl-Artikolu 12(1)(b)**.

Il-privattivi Ewropej mogħtija **bl-istess ġabra ta' talbiet** fir-rigward tal-Istati Membri parteċipanti kollha għandhom jibbenefikaw minn effett unitarju fl-Istati Membri parteċipanti sakemm l-effett unitarju tagħhom ikun ġie rreġistrat fir-Reġistru għall-protezzjoni tal-privattiva unitarja msemmi **fl-Artikolu 2(da)**.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, privattiva Ewropea b'effett unitarju tista' tiġi limitata, ***liċenzjata***, trasferita, revokata jew ***skaduta*** biss fir-rigward tal-Istati Membri parteċipanti kollha.

Emenda

Privattiva Ewropea b'effett unitarju tista' tiġi limitata, trasferita, revokata jew *tiskadi* biss fir-rigward tal-Istati Membri parteċipanti kollha.

Privattiva Ewropea b'effett unitarju tista' tkun illiċenzjata fir-rigward tat-territorji kollha jew parti minnhom tal-Istati Membri parteċipanti.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li, fejn l-effett unitarju ta' privattiva Ewropea *tkun ġiet irreġistrata*, il-privattiva Ewropea titqies li ma tkunx daħlet fis-seħħ bħala privattiva nazzjonali fit-territorju tagħhom fid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza tal-għotja fil-Bullettin Ewropew tal-Privattivi.

Emenda

2. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li, fejn l-effett unitarju ta' privattiva Ewropea *jkun ġie rreġistrat u jestendi għat-territorju tagħhom*, il-privattiva Ewropea titqies li ma tkunx daħlet fis-seħħ bħala privattiva nazzjonali fit-territorju tagħhom fid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza tal-għotja fil-Bullettin Ewropew tal-Privattivi.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 5
Id-drittijiet ta' qabel

Emenda

imħassar

Fil-każ ta' limitazzjoni jew revoka għar-raġuni ta' nuqqas ta' oriġinalità skont l-Artikolu 54(3) tal-KEP, il-limitazzjoni jew ir-revoka ta' privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha sseħħ biss fir-rigward tal-Istat(i) Membru/i parteċipanti indikat(i) fl-applikazzjoni tal-privattiva Ewropea kif ippubblikata li tkun saret qabel .

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 6 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) tuża proċess li huwa s-suġġett tal-privattiva jew, fejn il-parti terza taf, jew kellha tkun taf, li l-użu tal-proċess huwa pprojbit mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju tal-privattiva, milli toffri l-proċess għall-użu *fl-Istati* Membri parteċipanti;

Emenda

(b) tuża proċess li huwa s-suġġett tal-privattiva jew, fejn il-parti terza taf, jew kellha tkun taf, li l-użu tal-proċess huwa pprojbit mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju tal-privattiva, milli toffri l-proċess għall-użu *fit-territorju tal-Istati* Membri parteċipanti *li fihom dik il-privattiva jkollha effett unitarju;*

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha tagħti d-dritt lill-proprjetarju tagħha li jipprevjeni lil kwalunkwe parti terza milli ttiprovdi jew toffri li ttiprovdi fl-Istati Membri parteċipanti lil kwalunkwe persuna *mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju*, ħlief parti intitolata li tisfrutta l-invenzjoni protetta mill-privattiva, b'mezzi, relatati ma' element essenzjali ta' dik l-invenzjoni, sabiex *jiddaħħlu* fis-seħħ hemmhekk, meta l-parti terza tkun taf, jew kellha tkun taf, li daww il-mezzi huma xierqa u intenzjonati sabiex idaðħħlu fis-

Emenda

1. Il-privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha tagħti d-dritt lill-proprjetarju tagħha li jipprevjeni lil kwalunkwe parti terza *li ma jkollux il-kunsens tal-proprjetarju* milli ttiprovdi jew toffri li ttiprovdi fl-Istati Membri parteċipanti *li fihom il-privattiva jkollha effett unitarju* lil kwalunkwe persuna ħlief parti intitolata li tisfrutta l-invenzjoni protetta mill-privattiva, b'mezzi, relatati ma' element essenzjali ta' dik l-invenzjoni, sabiex *tiddaħħal* fis-seħħ hemmhekk, meta l-parti terza tkun taf, jew kellha tkun taf, li daww

seħħ dik l-invenzjoni.

il-mezzi huma xierqa u intenzjonati sabiex idaħħlu fis-seħħ dik l-invenzjoni.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 8 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) l-użu abbord bastimenti ta' pajjiżi oħra għajr l-Istati Membri parteċipanti ***tal-invenzjoni protetta minn privata***, fl-istruttura tal-bastiment, fil-makkinarju, l-apparat għall-kontroll tal-qluġh, l-irkaptu u aċċessorji oħra, meta dawn il-bastimenti b'mod temporanju jew aċċidentali jidħlu fl-ilmijiet tal-Istati Membri parteċipanti, sakemm dik l-invenzjoni tintuża hemmhekk esklussivament għall-ħtiġijiet tal-bastiment;

Emenda

(e) l-użu abbord bastimenti ta' pajjiżi oħra għajr l-Istati Membri parteċipanti ***li fihom dik il-privattiva jkollha effett unitarju tal-invenzjoni protetta minn privata***, fl-istruttura tal-bastiment, fil-makkinarju, l-apparat għall-kontroll tal-qluġh, l-irkaptu u aċċessorji oħra, meta dawn il-bastimenti b'mod temporanju jew aċċidentali jidħlu fl-ilmijiet tal-Istati Membri parteċipanti ***li fihom dik il-privattiva jkollha effett unitarju***, sakemm dik l-invenzjoni tintuża hemmhekk esklussivament għall-ħtiġijiet tal-bastiment;

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 8 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) l-użu tal-invenzjoni protetta minn privata fil-kostruzzjoni jew it-tħaddim ta' inġenji tal-ajru jew vetturi tal-art jew mezzi oħra ta' trasport ta' Stati oħra għajr l-Istati Membri parteċipanti, jew ta' aċċessorji għal dawn l-inġenji tal-ajru jew il-vetturi tal-art, meta dawn b'mod temporanju jew aċċidentali jidħlu ***fl-Istati*** Membri parteċipanti;

Emenda

(f) l-użu tal-invenzjoni protetta minn privata fil-kostruzzjoni jew it-tħaddim ta' inġenji tal-ajru jew vetturi tal-art jew mezzi oħra ta' trasport ta' Stati oħra għajr l-Istati Membri parteċipanti ***li fihom dik il-privattiva jkollha effett unitarju***, jew ta' aċċessorji għal dawn l-inġenji tal-ajru jew il-vetturi tal-art, meta dawn b'mod temporanju jew aċċidentali jidħlu ***fit-territorju tal-Istati*** Membri parteċipanti ***li fihom dik il-privattiva jkollha effett unitarju***;

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 8 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) l-atti speċifikati fl-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali tas-7 ta' Diċembru 1944, fejn dawn l-atti jikkonċernaw l-inġenji tal-ajru ta' pajjiż ieħor għajr Stat Membru parteċipanti;

Emenda

(g) l-atti speċifikati fl-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali tas-7 ta' Diċembru 1944, fejn dawn l-atti jikkonċernaw l-inġenji tal-ajru ta' pajjiż ieħor għajr Stat Membru parteċipanti ***li fihom dik il-privattiva jkollha effett unitarju***;

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 8 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) ***atti kif koperti mill-privileġġ tal-bdiewa skont l-Artikolu 14*** tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 ***li japplika mutatis mutandis***;

Emenda

(h) ***l-użu minn bidwi tal-prodott tal-uċuħ tar-raba' tiegħu għall-propogazzjoni jew multiplikazzjoni fl-impriża tiegħu stess, dment li l-materjal veġetali riproduttiv inbiegħ jew ġie kkummerċjalizzat lill-bidwi mill-proprjetarju tal-privattiva jew bil-kunsens tiegħu, għal finijiet agrikoli. L-ambitu u l-metodi dettaljati ta' użu ta' din ix-xorta huma mniżżlin fl-Artikolu 14*** tar-Regolament (KE) Nru 2100/94;

Ġustifikazzjoni

Din il-formulazzjoni hija aktar ċara minn dik fit-test propost mill-Kummissjoni, li jispeċifika biss li r-Regolament Nru 2100/04 japplika mutatis mutandis.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 8 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni

(j) l-atti u l-użu tal-informazzjoni miksuba

Emenda

(j) l-atti u l-użu tal-informazzjoni miksuba

kif permess skont l-Artikoli 5 u 6 *tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 91/250/KEE*¹, b'mod partikolari, permezz tad-dispożizzjonijiet tagħha dwar id-dekumpilazzjoni u l-interoperabbiltà; kif ukoll

¹*Id-Direttiva tal-Kunsill 91/250/KEE tal-14 ta' Mejju 1991 dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter (ĠU L 122, 17.5.1991, p. 42).*

kif permess skont l-Artikoli 5 u 6 *tad-Direttiva Nru 2009/24/KE*¹, b'mod partikolari, permezz tad-dispożizzjonijiet tagħha dwar id-dekumpilazzjoni u l-interoperabbiltà; kif ukoll

¹ *Id-Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-protezzjoni legali tal-programmi tal-kompjuter (ĠU L 111, 5.5.2009, p. 16).*

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 9

Test propost mill-Kummissjoni

Id-drittijiet mogħtija minn privattiva Ewropea b'effett unitarju m'għandhomx jiġu estiżi għal atti li jikkonċernaw il-prodott kopert minn dik il-privattiva li jitwettqu fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti wara li dak il-prodott ikun tqiegħed fis-suq fl-Unjoni mill-proprjetarju tal-privattiva jew bil-kunsens tiegħu, ħlief jekk ikun hemm raġunijiet leġittimi sabiex il-proprjetarju jopponi aktar kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

1. Privattiva Ewropea b'effett unitarju bħala oġġett ta' proprjetà għandha tiġi ttrattata fit-totalità tagħha u fl-Istati Membri parteċipanti kollha bħala privattiva

Emenda

Id-drittijiet mogħtija minn privattiva Ewropea b'effett unitarju m'għandhomx jiġu estiżi għal atti li jikkonċernaw il-prodott kopert minn dik il-privattiva li jitwettqu fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti ***li fihom dik il-privattiva jkollha effett unitarju*** wara li dak il-prodott ikun tqiegħed fis-suq fl-Unjoni mill-proprjetarju tal-privattiva jew bil-kunsens tiegħu, ħlief jekk ikun hemm raġunijiet leġittimi sabiex il-proprjetarju jopponi aktar kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

nazzjonali tal-Istat Membru parteċipanti li fih, skont ir-Reġistru Ewropew tal-Privattivi:

nazzjonali tal-Istat Membru parteċipanti li fih ***dik il-privattiva jkollha effett unitarju li fih***, skont ir-Reġistru Ewropew tal-Privattivi:

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fejn l-ebda proprjetarju ma jkollu r-residenza jew il-post tan-negozju tiegħu fi Stat Membru parteċipanti għall-finijiet tal-paragrafi 1 jew 2, il-privattiva Ewropea b'effett unitarju bħala oġġett ta' proprjetà għandha tiġi ttrattata fit-totalità tagħha u fl-Istati Membri parteċipanti kollha bħala privattiva nazzjonali tal-Istat fejn l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi għandha l-kwartieri ġenerali tagħha skont l-Artikolu 6(1) tal-KEP.

Emenda

3. Fejn l-ebda proprjetarju ma jkollu r-residenza, ***post prinċipali tan-negozju*** jew il-post tan-negozju tiegħu fi Stat Membru parteċipanti ***li fih dik il-privattiva jkollha effett unitarju*** għall-finijiet tal-paragrafi 1 jew 2, il-privattiva Ewropea b'effett unitarju bħala oġġett ta' proprjetà għandha tiġi ttrattata fit-totalità tagħha u fl-Istati Membri parteċipanti kollha bħala privattiva nazzjonali tal-Istat fejn l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi għandha l-kwartieri ġenerali tagħha skont l-Artikolu 6(1) tal-KEP.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 12 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

L-implimentazzjoni mill-Istati Membri parteċipanti

Emenda

Il-kompiti amministrattivi fil-qafas tal-Organizzazzjoni Ewropea dwar il-Privattivi

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-inklużjoni u l-amministrazzjoni ***ta'***

Emenda

(b) l-inklużjoni ***fir-Reġistru Ewropew tal-***

Reġistru għall-protezzjoni tal-privattiva unitarja **li jirreġistra effett unitarju kif ukoll kwalunkwe limitazzjoni, liċenzja, trasferiment, revoka jew skadenza ta' privattiva Ewropea b'effett unitarju, fir-Reġistru Ewropew tal-Privattivi;**

Privattivi u l-amministrazzjoni **tar-Reġistru** għall-protezzjoni tal-privattiva unitarja;

Emenda 29

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) il-ġbir u l-amministrazzjoni tat-tariffi ta' tiġdid għal privattivi Ewropej b'effett unitarju, fir-rigward tas-snin ta' wara s-sena li fiha **r-Reġistru msemmi f'punt b)** jagħmel ir-referenza tal-ġhotja tagħhom; il-ġbir u l-amministrazzjoni ta' tariffi addizzjonali mħallsa f'każijiet ta' ħlas tard tat-tariffi ta' tiġdid fi żmien sitt xhur mid-data meta suppost sar il-ħlas, kif ukoll id-distribuzzjoni ta' parti mit-tariffi ta' tiġdid miġbura lill-Istati Membri parteċipanti; kif ukoll

Emenda

(e) il-ġbir u l-amministrazzjoni tat-tariffi ta' tiġdid għal privattivi Ewropej b'effett unitarju, fir-rigward tas-snin ta' wara s-sena li fiha **l-Bullettin Ewropew tal-Privattivi jirreferi għall-ġhotja** tagħhom; il-ġbir u l-amministrazzjoni ta' tariffi addizzjonali mħallsa f'każijiet ta' ħlas tard tat-tariffi ta' tiġdid fi żmien sitt xhur mid-data meta suppost sar il-ħlas, kif ukoll id-distribuzzjoni ta' parti mit-tariffi ta' tiġdid miġbura lill-Istati Membri parteċipanti; kif ukoll

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt f a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) l-iżgurar li t-talbiet mill-proprjetarju tal-privattivi għal effett unitarju jiġu sottomessi fil-lingwa tal-proċeduri kif definit fl-Artikolu 14(3) tal-KEP mhux aktar tard minn xahar wara li r-referenza tal-ġhotja tiġi ppubblikata fil-Bullettin Ewropew tal-Privattivi.

Emenda 31

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt f b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fb) l-iżgurar li l-effett unitarju jiġi indikat fir-Reġistru għall-protezzjoni tal-privattiva unitarja, fejn talba għal effett unitarju tkun ġiet ippreżentata u, matul il-perijodu transitorju previst fl-Artikolu 6 tar-Regolament .../... [arranġamenti għat-traduzzjoni], sottomessa flimkien mat-traduzzjonijiet li hemm riferiment għalihom f'dak l-Artikolu u li l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi jiġi infurmat b' kull limitazzjoni, liċenzja, trasferiment u revoka ta' privattivi Ewropej b'effett unitarju.

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-finijiet tal-punt a), l-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li t-talbiet mill-proprjetarju tal-privattivi għal effett unitarju għal privattiva Ewropea jiġu ppreżentati fil-lingwa tal-proċeduri kif definit fl-Artikolu 14(3) tal-KEP mhux aktar tard minn xahar wara li r-referenza tal-għotja tiġi ppubblikata fil-Bullettin Ewropew tal-Privattivi.

imħassar

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-finijiet tal-punt b), l-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li l-effett unitarju jiġi indikat fir-Reġistru għall-protezzjoni tal-privattiva unitarja, fejn talba għal effett unitarju tkun ġiet

imħassar

ippreżentata u, matul il-perjodu tranżitorju previst fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill .../... [arranġamenti għat-traduzzjoni], tkun għiet sottomessa flimkien mat-traduzzjonijiet msemmija f'dak l-Artikolu; u li l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi jiġi infurmat bil-limitazzjonijiet u r-revoki ta' privattivi Ewropej b'effett unitarju.

Emenda 34

Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fil-kapaċità tagħhom ta' Stati Kontraenti għall-KEP, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw il-governanza u s-sorveljanza tal-attivitajiet relatati mal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi. ***Għal dak il-għan għandhom iwaqqfu Kumitat Selettiv tal-Kunsill Amministrattiv tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi fis-sens tal-Artikolu 145 tal-KEP.***

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fl-implimentazzjoni tal-obbligazzjonijiet internazzjonali meħuda taħt il-KEP u għandhom jikkoperaw bejniethom għal dan il-fini. Fil-kapaċità tagħhom ta' Stati Kontraenti għall-KEP, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw il-governanza u s-sorveljanza tal-attivitajiet relatati mal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi ***u għandhom jiżguraw it-twaqqif ta' livell ta' tariffi ta' tiġdid skont l-Artikolu 15 u t-twaqqif ta' sehem ta' distribuzzjoni tat-tariffi ta' tiġdid skont l-Artikolu 16.***

Għal dak il-għan għandhom iwaqqfu Kumitat Selettiv tal-Kunsill Amministrattiv tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi fis-sens tal-Artikolu 145 tal-KEP.

Il-Kumitat Selettiv tal-Kunsill Amministrattiv għandu jikkonsisti fir-rappreżentanti tal-Istati Membri u rappreżentant tal-Kummissjoni bħala osservatur, kif ukoll sostituti li jirrappreżentawhom jekk ikunu assenti. Il-Membri tal-Kumitat Selettiv jistgħu jkunu meġhuna minn esperti jew

konsulenti.

Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Selettiv tal-Kunsill Amministrattiv għandhom jittieħdu fid-dawl tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 35(2) tal-KEP.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw il-protezzjoni legali effettiva quddiem qorti **nazzjonali** kontra d-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju Ewoprew tal-Privattivi fit-twettiq tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1.

Emenda

3. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw il-protezzjoni legali effettiva quddiem qorti **kompetenti ta' Stat Membru parteċipanti wieħed jew aktar** kontra d-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju Ewoprew tal-Privattivi fit-twettiq tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 1.

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2 – kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-livell tat-tariffi ta' tiġdid għandu jiġi ffissat bl-għan li

Emenda

2. Il-livell tat-tariffi ta' tiġdid għandu jiġi ffissat, **b'kunsiderazzjoni, fost oħrajn, tas-sitwazzjoni ta' entitajiet speċifiċi bħalma huma l-impriżi iżgħar u ta' daqs medju**, bl-għan li

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jkun simili għal-livell tat-tariffi ta' tiġdid nazzjonali għal privattiva Ewropea

Emenda

(c) jkun simili għal-livell tat-tariffi ta' tiġdid nazzjonali għal privattiva Ewropea

medja li tidħol fis-seħħ fl-Istati Membri parteċipanti fiż-żmien meta l-livell tat-tariffi ta' tiġdid huwa ffissat għall-ewwel darba *mill-Kummissjoni*.

medja li tidħol fis-seħħ fl-Istati Membri parteċipanti fiż-żmien meta l-livell tat-tariffi ta' tiġdid huwa ffissat għall-ewwel darba.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3 – kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

3. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet kif stipulati f'dan il-Kapitolu, *il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-livell* tat-tariffi ta' tiġdid fl-livell li

Emenda

3. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet kif stipulati f'dan il-Kapitolu, *għandu jiġi stabbilit il-livell* tat-tariffi ta' tiġdid fl-livell li:

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 4

Text proposed by the Commission

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont il-paragrafi 1-3 u l-Artikolu 17 li jikkonċernaw l-iffissar tal-livell tat-tariffi ta' tiġdid għal privattivi Ewropej b'effett unitarju.

Emenda

imħassar

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-parti li għandha tiġi distribwita mit-tariffi ta' tiġdid miġbura lill-Istati Membri parteċipanti msemija fl-Artikolu 12(1)(e) għandha tkun ta' 50 % tat-tariffi ta' tiġdid imsemmija fl-Artikolu 14 imħallsa għall-privattivi Ewropej b'effett unitarju li minnhom

Emenda

1. L-Uffiċċju Ewropej tal-Privattivi għandu jżomm 50 % tat-tariffi ta' tiġdid imsemmija fl-Artikolu 14 imħallsa għall-privattivi Ewropej b'effett unitarju. L-L-ammont li jifdal għandu jiġi distribwit fost l-Istati Membri parteċipanti f'konformità mas-sehem ta' distribuzzjoni tat-tariffi ta'

ikunu tnaqqsu l-ispejjeż assoċjati mal-amministrazzjoni tal-protezzjoni tal-privattiva unitarja msemmija fl-Artikolu 12.

tiġdid bi qbil mal-Artikolu 12(2).

Emenda 41

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2 – kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Sabiex jintlaħqu *dawn* l-għanijiet kif stipulati f'dan il-Kapitolu, *il-Kummissjoni għandha tistabilixxi s-sehem* ta' distribuzzjoni tat-tariffi ta' tiġdid *imsemmija fil-paragrafu 1* fost l-Istati Membri parteċipanti *abbażi tal-kriterji* ġusti, ekwitabbli u rilevanti li ġejjin:

2. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet kif stipulati f'dan il-Kapitolu, *is-sehem* ta' distribuzzjoni tat-tariffi ta' tiġdid fost l-Istati Membri parteċipanti *għandu jiġi stabbilit fuq il-kriterji* ġusti, ekwitabbli u rilevanti li ġejjin:

Emenda 42

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) id-daqs tas-suq *espress fl-għadd tal-popolazzjoni*,

(b) id-daqs tas-suq, *filwaqt li jiġi żgurat ammont minimu biex ikun imqassam lil kull Stat Membru parteċipanti*,

Emenda 43

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) il-provvediment ta' kumpens għall-Istati Membri talli jkun hemm lingwa uffiċjali li mhijiex waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, għal livell baxx b'mod sproporzjonat ta' attività tal-privattivi u għall-ksib ta' sħubija tal-Organizzazzjoni

(c) il-provvediment ta' kumpens għall-Istati Membri talli jkun hemm lingwa uffiċjali li mhijiex waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi *u/jew* għal livell baxx b'mod sproporzjonat ta' attività tal-privattivi *u/jew* għall-ksib ta' sħubija tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-

Ewropea tal-Privattivi pjuttost *riċentement*.

Privattivi pjuttost *riċenti*.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**3. L-Istati Membri parteċipanti għandhom
jużaw l-ammont allokat lilhom skont il-
paragrafu 1 għal finijiet relatati mal-
privattivi.**

imħassar

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-
setgħa li tadotta atti delegati skont il-
paragrafi 1-3 u l-Artikolu 17 li
jikkonċernaw l-istabbiliment tad-
distribuzzjoni tat-tariffi ta' tiġdid bejn l-
Istati Membri parteċipanti.**

imħassar

Emenda 46

Proposta għal regolament Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 17

imħassar

L-eżerċizzju tad-delega

**1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati
tingħata lill-Kummissjoni suġġetta għall-
kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.**

**2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-
Artikoli 15 u 16 għandha tingħata għal**

perjodu indeterminat ta' żmien mid-[dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 15 u 16 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ il-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 15 u 16 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn (2) ta' notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll l-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn (2) fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill.

Emenda 47

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Mhux aktar tard minn *sitt* snin mid-data li fiha tidħol fis-seħħ l-ewwel privattiva Ewropea b'effett unitarju fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill rapport dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament u,

Emenda

1. Mhux aktar tard minn *tliet* snin mid-data li fiha tidħol fis-seħħ l-ewwel privattiva Ewropea b'effett unitarju fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti, il-Kummissjoni għandha tippreżenta *lill-Parlament Ewropew u* lill-Kunsill rapport dwar it-

fejn meħtieġ, tagħmel proposti xierqa għall-emendar tiegħu. Għandhom jiġu ppreżentati rapporti sussegwenti dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament mill-Kummissjoni kull sitt snin.

tħaddim ta' dan ir-Regolament u, fejn meħtieġ, tagħmel proposti xierqa għall-emendar tiegħu. Għandhom jiġu ppreżentati rapporti sussegwenti dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament mill-Kummissjoni kull *ħames* snin.

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapporti *b'mod regolari* dwar il-funzjonament tat-tariffi ta' tiġdid imsemmija fl-Artikolu 14 b'enfażi partikolari fuq il-konformità kontinwa mal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 15.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta *b'mod regolari* rapporti *lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill* dwar il-funzjonament tat-tariffi ta' tiġdid imsemmija fl-Artikolu 14 b'enfażi partikolari fuq il-konformità kontinwa mal-prinċipji stipulati fl-Artikolu 15.

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri parteċipanti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati skont *l-Artikoli 4(2) u 12* sad-data stipulata fl-Artikolu 22(2).

Emenda

I. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati skont *l-Artikolu 12* sad-data stipulata fl-Artikolu 22(2).

1a. Kull Stat Membru parteċipanti jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-miżuri adottati skont it-termini tal-Artikolu 4(2) sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew, fil-każ ta' Stat Membru parteċipanti li fih il-Qorti Unifikata tal-Privattivi ma jkollhiex ġurisdizzjoni esklussiva għar-rigward tal-privattivi Ewropej b'effett unitarju fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, id-data li minnha tali Qorti Unifikata tal-Privattivi jibda jkollha

*ġurisdizzjoni esklussiva f'dak l-Istat
Membru parteċipanti.*

Emenda 50

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Għandu japplika *minn [data speċifika se tiġi stipulata u se tkun l-istess data bħal dik tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill .../... dwar l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti għat-traduzzjoni applikabbli].*

Emenda

2. Għandu japplika *mill-1 ta' Jannar 2014 jew mid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-Ftehim dwar Qorti tal-Privattivi Unitarji, skont liema data tkun l-aħħar.*

B'deroga mill-Artikoli 3(1) sa (2) u 4(1), privattiva Ewropea li għaliha effett unitarju jkun irregiſtrat fir-Regiſtru għall-protezzjoni tal-privattivi unitarji msemmi fl-Artikolu 2(da) għandu jkollha effett unitarju biss f'dawk l-Istati Membri parteċipanti li fihom il-Qorti tal-Privattivi Unitarji jkollha ġurisdizzjoni esklussiva rigward il-privattivi Ewropej b'effett uniatrju fid-data tar-regiſtrazzjoni.

2a. Kull Stat Membru parteċipanti għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar ir-ratifika min-naħa tiegħu tal-Ftehim fil-mument tad-depożitu tal-istrument ta' ratifika tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim u lista ta' Stati Membri li rratifikaw il-Ftehim fid-data tad-dħul fis-seħħ fil-Ġurnal Uffiċjali. Il-Kummissjoni għandha wara din id-data taġġorna fuq bażi regolari l-lista ta' Stati Membri parteċipanti li jkunu rratifikaw il-Ftehim u tippubblikaha fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 51

**Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-protezzjoni tal-privattiva unitarja tista' tintalab għal kwalunkwe privattiva Ewropea mogħtija fid-data jew wara d-data stipulata *fil-paragrafu 2*.

Emenda

4a. Il-protezzjoni tal-privattiva unitarja tista' tintalab għal kwalunkwe privattiva Ewropea mogħtija fid-data jew wara d-data stipulata *fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2*.

25.11.2011

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja (COM(2011)0215 – C7-0099/2011 – 2011/0093(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Alajos Mészáros

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Mill-2000, l-Unjoni Ewropea ppruvat, mingħajr suċċess, tadotta sistema Ewropea tal-privattiva unitarja (qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona kienet tissejjaħ il-Privattiva tal-Komunità) li tista' teżisti flimkien ma' privattivi nazzjonali mogħtija minn uffiċċji tal-privattivi nazzjonali tal-Istati Membri u l-privattivi Ewropej mogħtija taħt il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Privattivi (EPC) mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (EPO).

Minħabba diffikultajiet insurmontabbli biex jintlaħaq ftehim unanimu mal-Kunsill dwar l-arranġamenti tal-lingwa, in-negozjati fallew diversi drabi. Fl-aħħar tal-2010, il-Kunsill tal-Kompetittività ddikjara li huwa impossibbli li tiġi stabbilita protezzjoni tal-privattiva unitarja fl-UE kollha fi żmien raġonevoli jew fil-futur prevedibbli.

Wara din id-dikjarazzjoni, 12-il Stat Membru talab lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-awtorizzazzjoni ta' kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-protezzjoni tal-privattiva unitarja sabiex ikunu jistgħu jagħmlu progress f'din il-kwistjoni tant importanti. Fl-10 ta' Marzu 2011, wara l-kunsens tal-Parlament Ewropew fil-15 ta' Frar, il-Kunsill tal-kompetittività adotta d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni li tistabilixxi protezzjoni għall-privattiva unitarja fit-territorji tal-25 Stat Membru parteċipanti. Fid-19 ta' Marzu 2011, il-PE ta l-kunsens tiegħu għat-tnedija tal-kooperazzjoni msaħħa.

Tliet ġimgħat wara, fit-13 ta' April, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' żewġ proposti leġiżlattivi li, jekk jiġu adottati, se jippermettu lil kwalunkwe kumpanija jew individwu li jipproteġu l-invenzjonijiet tagħhom permezz ta' privattiva Ewropea unika li tkun valida f'25

Stat Membru.

L-ewwel u qabel kollox, il-ħolqien ta' sistema ta' privattiva verament unitarja se tippermetti s-simplifikazzjoni tant b'zonnjuża tas-sistema attwali. B'hekk, l-utenti jkunu jistgħu jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u l-ispejjeż tal-privattivi fl-Ewropa sa 80%, u għalhekk itejbu l-funzjonament u l-protezzjoni tal-moviment ħieles tal-oġġetti fis-suq intern u jippermettu l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa.

L-ispejjeż għoljin u l-kumplessità tal-validazzjoni tal-privattivi Ewropej f'diversi Stati Membri huma r-raġunijiet ewlenin għala l-proprjetarji tal-privattivi jidhru li qegħdin jonqsu milli jfittxu kopertura tal-privattiva għall-UE kollha. Pereżempju, l-ispiża totali għall-validazzjoni (inklużi l-ispejjeż diretti tat-traduzzjoni u l-ispejjeż stmati bħal pereżempju l-ispejjeż għall-aġenti tal-privattivi u l-ispejjeż għall-pubblikazzjoni) għall-privattiva Ewropea ta' żmien tipiku hija stmata li tiswa bejn EUR 22 000 u 26 000 għall-kopertura fl-UE kollha. Iċ-ċifri juru li kull sena fl-Istati Membri tal-UE kollha, il-kumpaniji nefqu bejn EUR 205 u 230 miljun fi traduzzjonijiet, validazzjonijiet u spejjeż professjonali. Il-ħolqien ta' privattiva tal-UE se jgħin mhux biss li jnaqqas l-ispejjeż għal EUR 680 għal kull privattiva unika, iżda wkoll biex joħloq kundizzjonijiet aktar favorevoli għall-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp, u dan se jiffaċilita li tintlaħaq il-mira li jsir investiment ta' 3% tal-PDG fir-riċerka u l-iżvilupp, kif imniżżel fl-Istrateġija Ewropa 2020.

Barra minn hekk, il-proposta leġiżlattiva attwali li tistabbilixxi proċedura għall-kooperazzjoni msaħħa u l-proposta mistennija mill-Kummissjoni marbuta magħha, dwar il-ħolqien ta' sistema ta' litigazzjoni rigward il-privattiva Ewropea, se jgħibu fis-seħħ ċertezza legali fil-qasam tal-privattivi fl-Ewropa.

Il-proposta attwali hija l-progress l-aktar sinifikanti u konkret lejn it-tweqqig ta' dan il-pass tant mistenni. Il-Parlament Ewropew juri appoġġ kbir għal din il-proposta u kien ilu snin twal jitlob li tinholq privattiva Ewropea vera. Għal dan il-għan, ir-rapporteur jilqa' b'mod pożittiv ħafna l-proposta tal-Kummissjoni, li toffri soluzzjoni bbilanċjata sew u realista li diġà għet fil-biċċa l-kbira tagħha approvata mill-Kunsill.

Għal dan il-għan, ir-rapporteur jikkunsidra wkoll li l-ftehim delikat miksub sa dan l-istadju għandu jiġi implimentat mingħajr dewmien, u għandu jsir biss ftit tibdil mhux essenzjali li jista' jtejjeb aktar il-proposta mingħajr ma jfixkel il-progress miksub s'issa.

Eżempju ta' titjib jista' jkun li ma jibqax assoċjat l-effett unitarju tal-liċenzjar u l-limitazzjoni/trasferiment/revoka jew skadenza tal-privattivi Ewropej, jiġifieri filwaqt li l-ħruġ/it-terminazzjoni eċċ kienu jikkonċernaw it-territorji tal-Istati Membri parteċipanti kollha, il-liċenzjar għandu jkun possibbli biss f'numru magħżul ta' Stati Membri, jekk dan ikun ix-xewqa tal-kumpanija.

Barra minn hekk, il-proposta tal-Kummissjoni tirrikonoxxi sew l-importanza ta' sħubija bejn l-EPO u ċ-ċentri nazzjonali tal-proprjetà industrijali (premissa 20), b'mod partikolari rigward il-benefiċċju li sħubija bħal din tista' toffri lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-attivitajiet ta' privattivi tagħhom. Għalhekk ir-rapporteur jemmen li tali sħubija għandha titħeġġeġ u l-Kummissjoni għandha titħalla tibqa' informata dwar l-iżvilupp ta' tali kooperazzjoni permezz tal-kollaborazzjoni formali tagħha mal-EPO.

L-aħħar iżda mhux l-anqas importanti, wieħed għandu jfakkar li kull dritt li jirriżulta minn privattiva Ewropea b'effett unitarju għandu jkun f'konformità sħiħa mad-drittijiet mogħtija mit-Trattati u mil-liġi tal-Unjoni.

Fl-aħħar, huwa essenzjali li l-Parlament fil-kapaċità tiegħu bħala koleġiżlatur, jibqa' infurmat kif xieraq dwar kull aspekk tal-obbligi tal-Kummissjoni lejn il-leġiżlaturi fir-rigward ta' dan ir-Regolament.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Skont l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni għandha tistabbilixxi suq intern, għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa mibni fuq it-tkabbir ekonomiku bbilanċjat u għandha tippromwovi l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku. Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet legali li jippermettu li l-intrapriżi jadattaw l-attivitajiet tagħhom fil-manifattura u d-distribuzzjoni ta' prodotti lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u jipprovduhom b'aktar għażla u opportunitajiet jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Il-protezzjoni tal-privattiva uniformi fis-suq intern, jew tal-anqas parti sinifikanti tiegħu, għandha tkun fost l-istrumenti legali għad-

Emenda

(1) Skont l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni għandha tistabbilixxi suq intern, għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa mibni fuq it-tkabbir ekonomiku bbilanċjat u għandha tippromwovi ***t-tixrid tal-informazzjoni*** dwar l-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku. Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet legali li jippermettu li l-intrapriżi jadattaw l-attivitajiet tagħhom fil-manifattura u d-distribuzzjoni ta' prodotti lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u jipprovduhom b'aktar għażla u opportunitajiet jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Il-protezzjoni tal-privattiva uniformi fis-suq intern, jew tal-anqas parti sinifikanti tiegħu, għandha tkun fost l-istrumenti

dispożizzjoni tal-intrapriżi.

legali għad-dispożizzjoni tal-intrapriżi.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Il-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja għandu jinkiseb billi jingħata effett unitarju lill-privattivi Ewropej fil-fażi ta' wara l-għotja permezz ta' dan ir-Regolament u fir-rigward tal-Istati Membri parteċipanti. Il-karatteristika ewlenija tal-privattivi Ewropej b'effett unitarju għandha tkun il-karattru unitarju tagħhom, jiġifieri li jipprovdu protezzjoni uniformi u li għandhom effett indaqs fl-Istati Membri parteċipanti kollha. Konsegwentement, privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha tiġi limitata, **liċenzjata**, trasferita, revokata jew skaduta biss fir-rigward tal-Istati Membri parteċipanti kollha. Sabiex jiġi żgurat l-ambitu sostantiv uniformi ta' protezzjoni mogħtija minn protezzjoni tal-privattiva unitarja, privattivi Ewropej li jkunu ngħataw għall-Istati Membri parteċipanti kollha bl-istess sett ta' talbiet biss għandhom jibbenefikaw minn effett unitarju. **Madankollu, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali fil-każ ta' limitazzjoni jew revoka għar-raġuni ta' nuqqas ta' oriġinalità skont l-Artikolu 54(3) tal-KEP, il-limitazzjoni jew ir-revoka ta' privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha sseħħ biss fir-rigward tal-Istat(i) Membru/i parteċipanti indikat(i) fl-applikazzjoni tal-privattiva Ewropea kif ippubblikata li tkun saret qabel.** Fl-aħħar nett, l-effett unitarju attribbwit lil privattiva Ewropea għandu jkollu natura aċċessorja u m'għandux jibqa' jeżisti jew jiġi limitat sal-punt li l-privattiva Ewropea bażika tkun ġiet revokata jew limitata.

Emenda

(7) Il-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja għandu jinkiseb billi jingħata effett unitarju lill-privattivi Ewropej fil-fażi ta' wara l-għotja permezz ta' dan ir-Regolament u fir-rigward tal-Istati Membri parteċipanti. Il-karatteristika ewlenija tal-privattivi Ewropej b'effett unitarju għandha tkun il-karattru unitarju tagħhom, jiġifieri li jipprovdu protezzjoni uniformi u li għandhom effett indaqs fl-Istati Membri parteċipanti kollha. Konsegwentement, privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha tiġi limitata, trasferita **jew** revokata, jew skaduta, biss fir-rigward tal-Istati Membri parteċipanti kollha. **Għandu jkun possibbli li Privattiva Ewropea b'effett unitarju tkun liċenzjata fir-rigward tat-territorji kollha tal-Istati Membri parteċipanti jew parti minnhom.** Sabiex jiġi żgurat l-ambitu sostantiv uniformi ta' protezzjoni mogħtija minn protezzjoni tal-privattiva unitarja, privattivi Ewropej li jkunu ngħataw għall-Istati Membri parteċipanti kollha bl-istess sett ta' talbiet biss għandhom jibbenefikaw minn effett unitarju. Fl-aħħar nett, l-effett unitarju attribbwit lil privattiva Ewropea għandu jkollu natura aċċessorja u m'għandux jibqa' jeżisti jew jiġi limitat sal-punt li l-privattiva Ewropea bażika tkun ġiet revokata jew limitata.

Ġustifikazzjoni

Tabilħaqq, il-ħruġ u t-terminazzjoni ta' privattiva Ewropea b'effett unitarju għandhom jikkonċernaw l-Istati Membri kollha parteċipanti, madankollu, rigward il-liċenzjar tagħha, għandu jkun possibbli biss għat-territorji ta' ftiit u mhux tal-Istati parteċipanti kollha.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Il-proprjetarji tal-privattivi għandhom iħallsu tariffa ta' tiġdid waħda, annwali u komuni għall-privattivi Ewropej b'effett unitarju. It-tariffi ta' tiġdid għandhom ikunu progressivi matul it-terminu ta' protezzjoni tal-privattiva u, flimkien mat-tariffi li jridu jitħallsu lill-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi matul l-istadju ta' qabel l-għotja, għandhom ikopru l-ispejjeż **kollha** assoċjati mal-għotja tal-privattiva Ewropea u mal-amministrazzjoni ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja. Il-livell tat-tariffi ta' tiġdid għandu jiġi ffissat bil-għan li tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni u titrawwem il-kompetittività tan-negozji Ewropej. Għandu jirrifletti wkoll id-daqs tas-suq kopert mill-privattiva u jkun simili għal-livell tat-tariffi nazzjonali ta' tiġdid għal privattiva Ewropea medja li tidħol fis-seħħ fl-Istati Membri parteċipanti fiż-żmien fejn il-livell tat-tariffi tat-tiġdid jiġi ffissat l-ewwel **mill-Kummissjoni**.

Emenda

(16) Il-proprjetarji tal-privattivi għandhom iħallsu tariffa ta' tiġdid waħda, annwali u komuni għall-privattivi Ewropej b'effett unitarju. It-tariffi ta' tiġdid għandhom ikunu progressivi matul it-terminu ta' protezzjoni tal-privattiva u, flimkien mat-tariffi li jridu jitħallsu lill-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi matul l-istadju ta' qabel l-għotja, għandhom ikopru l-ispejjeż assoċjati mal-għotja tal-privattiva Ewropea u mal-amministrazzjoni ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja. Il-livell tat-tariffi ta' tiġdid għandu jiġi ffissat bil-għan li tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni u titrawwem il-kompetittività tan-negozji Ewropej **u għandu jkollha l-istatus u l-kapaċità ta' finanzjament tal-intrapriżi mikro, iżgħar u medji**¹. Għandu jirrifletti wkoll id-daqs tas-suq kopert mill-privattiva u jkun simili għal-livell tat-tariffi nazzjonali ta' tiġdid għal privattiva Ewropea medja li tidħol fis-seħħ fl-Istati Membri parteċipanti fiż-żmien fejn il-livell tat-tariffi tat-tiġdid jiġi ffissat l-ewwel mill-Kummissjoni.

¹ **kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' mikrointrapriżi u intrapriżi iżgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).**

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) It-tariffi ta' tiġdid għandhom jitħallsu lill-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi. 50 % minnhom, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż imġarrba mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi fit-twettiq ta' kompiti fir-rigward tal-protezzjoni tal-privattiva unitarja, għandhom jiġu distribwiti fost l-Istati Membri parteċipanti, u għandhom jintużaw għal finijiet **relatati mal-privattiva**. Is-sehem tad-distribuzzjoni għandu jiġi stipulat abbażi ta' kriterji ġusti, ekwitabbli u rilevanti jiġifieri il-livell tal-attività tal-privattiva u d-daqs tas-suq. Id-distribuzzjoni għandha ttipprovdi kumpens talli jkun hemm lingwa uffiċjali oħra li mhijiex waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, għal livell baxx b'mod sproporzjonat ta' attività tal-privattivi u għall-ksib ta' sħubija tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi pjuttost riċentement.

Emenda

(18) It-tariffi ta' tiġdid għandhom jitħallsu lill-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi. 50 % minnhom, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż imġarrba mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi fit-twettiq ta' kompiti fir-rigward tal-protezzjoni tal-privattiva unitarja, għandhom jiġu distribwiti fost l-Istati Membri parteċipanti, u għandhom jintużaw **għall-infurzar ta' dan ir-Regolament u għal finijiet oħra relatati mal-privattiva u mal-innovazzjoni, kif ukoll għall-provvediment ta' konsulenza u appoġġ lill-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju**. Is-sehem tad-distribuzzjoni għandu jiġi stipulat abbażi ta' kriterji ġusti, ekwitabbli u rilevanti jiġifieri il-livell tal-attività tal-privattiva u d-daqs tas-suq. Id-distribuzzjoni għandha ttipprovdi kumpens talli jkun hemm lingwa uffiċjali oħra li mhijiex waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, għal livell baxx b'mod sproporzjonat ta' attività tal-privattivi u għall-ksib ta' sħubija tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi pjuttost riċentement.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat li t-tariffi ta' tiġdid distribwiti jwettqu l-għan tar-Regolament u jkunu ta' benefiċċju għas-sistema msaħħa tal-privattivi fl-Ewropa, għandu jiġi speċifikat għal liema finijiet jistgħu jużawhom l-Istati Membri parteċipanti.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, privattiva Ewropea b'effett unitarju tista' tiġi limitata, **liċenzjata**, trasferita, revokata

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, privattiva Ewropea b'effett unitarju tista' tiġi limitata, trasferita **jew** revokata, jew

jew skaduta biss fir-rigward tal-Istati Membri parteċipanti kollha.

skaduta, biss fir-rigward tal-Istati Membri parteċipanti kollha.

Ġustifikazzjoni

Tabilħaqq, il-ħruġ u t-terminazzjoni ta' privattiva Ewropea b'effett unitarju għandhom jikkonċernaw l-Istati Membri kollha parteċipanti, madankollu, rigward il-liċenzjar tagħha, għandu jkun possibbli biss għat-territorji ta' ftit u mhux tal-Istati parteċipanti kollha.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Madankollu, il-liċenzjar ta' privattiva Ewropea b'effett unitarju jista' jikkonċerna t-territorji kollha, jew parti minnhom, tal-Istati Membri parteċipanti kollha.

Ġustifikazzjoni

Tabilħaqq, il-ħruġ u t-terminazzjoni ta' privattiva Ewropea b'effett unitarju għandhom jikkonċernaw l-Istati Membri kollha parteċipanti, madankollu, rigward il-liċenzjar tagħha, għandu jkun possibbli biss għat-territorji ta' ftit u mhux tal-Istati parteċipanti kollha.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha tidħol fis-seħħ fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti ***fid-data*** tal-pubblikazzjoni, mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, tar-referenza tal-għotja tal-privattiva Ewropea fil-Bullettin Ewropew tal-Privattivi.

1. Privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha tidħol fis-seħħ fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti ***fl-erbatax-il jum wara l-pubblikazzjoni***, mill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, tar-referenza tal-għotja tal-privattiva Ewropea fil-Bullettin Ewropew tal-Privattivi.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li ddaħħal perjodu ta' tranżizzjoni fil-pajjiżi li fihom il-privattiva Ewropea kkonċernata tkun se tidħol fis-seħħ, u hekk tagħmilha possibbli li jiġu

indirizzati mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ippubblikar.

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 5

imħassar

Id-drittijiet ta' qabel

Fil-każ ta' limitazzjoni jew revoka għar-raġuni ta' nuqqas ta' oriġinalità skont l-Artikolu 54(3) tal-KEP, il-limitazzjoni jew ir-revoka ta' privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha sseħħ biss fir-rigward tal-Istat(i) Membru/i parteċipanti indikat(i) fl-applikazzjoni tal-privattiva Ewropea kif ippubblikata li tkun saret qabel .

Ġustifikazzjoni

Peress li l-possibbiltà pprovduta minn dan l-artikolu tneħħiet permezz tal-emenda tal-Konvenzjoni dwar il-Privattiva Ewropea fl-2000, huwa xieraq li titneħħa wkoll mir-Regolament.

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha tagħti ***d-dritt*** lill-proprietarju tagħha ***li jipprevjoni*** kwalunkwe parti terza li m'għandhiex il-kunsens tal-proprietarju ***minn dan li ġej:***

1. Il-privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha tagħti lill-proprietarju tagħha dritt ***legalment infurzabbli li jeskludi l-leġittimità ta' dan li ġej*** għal kwalunkwe parti terza li m'għandhiex il-kunsens tal-proprietarju:

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha tagħti ***d-dritt*** lill-proprietarju tagħha ***li jipprevjeni*** lil kwalunkwe parti terza ***milli*** ttiprovdi jew toffri li ttiprovdi fl-Istati Membri parteċipanti lil kwalunkwe persuna mingħajr il-kunsens tal-proprietarju, ħlief parti intitolata li tisfrutta l-invenzjoni protetta mill-privattiva, b'mezzi, relatati ma' element essenzjali ta' dik l-invenzjoni, sabiex jiddaħħlu fis-seħħ hemmhekk, meta l-parti terza tkun taf, jew kellha tkun taf, li daww il-mezzi huma xierqa u intenzjonati sabiex idaðħħlu fis-seħħ dik l-invenzjoni.

Emenda

1. Il-privattiva Ewropea b'effett unitarju għandha tagħti lill-proprietarju tagħha ***dritt legalment infurzabbli li jeskludi l-leġittimità*** lil kwalunkwe parti terza milli ttiprovdi jew toffri li ttiprovdi fl-Istati Membri parteċipanti lil kwalunkwe persuna mingħajr il-kunsens tal-proprietarju, ħlief parti intitolata li tisfrutta l-invenzjoni protetta mill-privattiva, b'mezzi, relatati ma' element essenzjali ta' dik l-invenzjoni, sabiex jiddaħħlu fis-seħħ hemmhekk, meta l-parti terza tkun taf, jew kellha tkun taf, li daww il-mezzi huma xierqa u intenzjonati sabiex idaðħħlu fis-seħħ dik l-invenzjoni.

Emenda 11

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – kliem introdutturju**

Test propost mill-Kummissjoni

Id-drittijiet mogħtija mill-privattiva Ewropea b'effett unitarju m'għandhomx jiġu estiżi għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

Emenda

Id-drittijiet mogħtija mill-privattiva Ewropea b'effett unitarju ***għandhom jirrispettaw id-drittijiet mogħtija mit-Trattati u mil-liġi tal-Unjoni u*** m'għandhomx jiġu estiżi għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

Ġustifikazzjoni

Drittijiet mogħtija mill-privattivi Ewropej b'effett unitarju jistgħu xi kultant ikunu f'kunflitt ma' oqsma oħra tal-politika tal-UE u b'hekk l-iżgurar tal-konformità mal-liġi tal-UE hija obbligatorio, kif ipprovdut mill-Artikolu 326 TFUE ("Kull koperazzjoni msaħħa għandha tirrispetta it-Trattati u d-dritt tal-Unjoni").

Emenda 12

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – punt b a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) l-użu ta' materjal bijoloġiku għall-fini tat-tnissil, l-iskoperta u l-iżviluppar ta' varjetajiet ġodda ta' pjanti;

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi pprovdut privileġġ limitat ta' dawk li jrabbu bil-għan li tiġi żgurata l-libertà li joperaw fir-rigward ta' materjal bijoloġiku għall-fini tal-iżviluppar u l-iskoperta ta' varjetà ġdida ta' pjanti.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 8 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(h) atti kif koperti mill-privileġġ tal-bdiewa skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 li japplika mutatis mutandis;

(h) l-użu minn bidwi tal-prodott tal-ħsad tiegħu għall-propagazzjoni jew il-multiplikazzjoni minnu fuq l-art agrikola tiegħu stess, fejn kien hemm xi bejgħ ta' materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti lill-bidwi mill-proprjetarju tal-privattiva jew bil-kunsens tiegħu għall-użu agrikolu, f'korrispondenza mal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94;

Ġustifikazzjoni

Fir-rigward tal-privileġġ tal-bidwi, huwa importanti li l-ifformular tal-kliem tal-limitazzjoni jiġi allinjat mal-ifformular tal-kliem tad-Direttiva 98/44/KE dwar il-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 8 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) l-użu minn bidwi ta' bhejjem protetti għall-finijiet tal-biedja, bil-kundizzjoni li l-annimali tat-tgħammir jew materjal riproduttiv tal-annimali ieħor inbiegħ jew

(i) l-użu ta' annimal jew materjal riproduttiv tal-annimali minn bidwi għall-fini agrikola, fejn kien hemm bejgħ mill-proprjetarju tal-privattiva jew bil-kunsens

ġie kummerċjalizzat b'mod ieħor lill-bidwi mill-proprjetarju tal-privattiva jew bil-kunsens tiegħu. **Dan l-użu jinkludi l-provvista tal-annimal** jew materjal riproduttiv ieħor tal-annimal **għall-finijiet tal-attività agrikola tiegħu**, iżda mhux **il-bejgħ** fil-qafas jew għall-fini ta' attività kummerċjali riproduttiva;

tiegħu **lill-bidwi ta' bhejjem tar-razza** jew materjal riproduttiv ieħor tal-annimali **li jikkostitwixxi jew fih l-invenzjoni privattivata**. **Dan ma jinkludix kwalunkwe bejgħ li jsir fi ħdan** il-qafas jew għall-fini ta' attività **ta' riproduzzjoni kummerċjali**;

Ġustifikazzjoni

Fir-rigward tal-privileġġ tal-bidwi, huwa importanti li l-ifformular tal-kliem tal-limitazzjoni jiġi allinjat mal-ifformular tal-kliem tad-Direttiva 98/44/KE dwar il-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt c a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) bħalma hu li jitqiesu l-istatus u l-kapaċitajiet ta' finanzjament tal-intrapriżi żgħar u medji.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt b a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) filwaqt li jikkunsidra s-sitwazzjoni speċifika tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif definit fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE;

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) id-daqs tas-suq espress ***fl-għadd tal-popolazzjoni***,

Emenda

(b) id-daqs tas-suq, ***filwaqt li jiġi żgurat ammont minimu biex ikun imqassam lil kull Stat Membru parteċipanti***,

Ġustifikazzjoni

Fid-distribuzzjoni tat-tariffi ta' tiġdid fost l-Istati Membri, jista' jkun aktar Prattiku li tiġi żgurata distribuzzjoni bbażata fuq id-daqs tas-suq (mhux f'termini ta' popolazzjoni iżda f'termini ta' suq kopert mill-privattiva) iżda fl-istess ħin jiġi żgurat tip ta' pagament minimu lill-Istati Membri parteċipanti kollha.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib permezz ta' ftehim ta' ħidma mal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament. Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi skambji regolari ta' opinjonijiet dwar il-funzjonament tal-ftehim ta' ħidma **u**, b'mod partikolari, dwar il-kwistjoni tat-tariffi ta' tiġdid u l-impatt fuq il-baġit tal-Oganizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib permezz ta' ftehim ta' ħidma mal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament. Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi skambji regolari ta' opinjonijiet dwar il-funzjonament tal-ftehim ta' ħidma, b'mod partikolari, dwar il-kwistjoni tat-tariffi ta' tiġdid u l-impatt fuq il-baġit tal-Oganizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi, ***kif ukoll dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u l-uffiċċji ċentrali għall-propjetà industrijali tal-Istati Membri parteċipanti, b'mod partikolari rigward id-dispożizzjoni tal-appoġġ għall-attivitajiet tal-privattivi lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.***

Ġustifikazzjoni

Kif rifless fil-premessa 20, jista' jkun hemm benefiċċju ċar ta' "sħubija msaħħa" bejn l-EPO u l-uffiċċji ċentrali għall-propjetà industrijali rigward l-attivitajiet tal-privattivi tal-SMEs. Tali

kooperazzjoni għandha titħeġġeġ u l-Kummissjoni għandha tinżamm infurmata fil-qafas tal-kooperazzjoni tagħha mal-EPO.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Mhux aktar tard minn **sitt** snin mid-data li fiha tidħol fis-seħħ l-ewwel privattiva Ewropea b'effett unitarju fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill rapport dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament u, fejn meħtieġ, tagħmel proposti xierqa għall-emendar tiegħu. Għandhom jiġu ppreżentati rapporti sussegwenti dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament mill-Kummissjoni kull **sitt** snin.

Emenda

1. Mhux aktar tard minn **tlit** snin mid-data li fiha tidħol fis-seħħ l-ewwel privattiva Ewropea b'effett unitarju fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti, il-Kummissjoni għandha tippreżenta **lill-Parlament Ewropew** u lill-Kunsill rapport dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament u, fejn meħtieġ, tagħmel proposti xierqa għall-emendar tiegħu. Għandhom jiġu ppreżentati rapporti sussegwenti dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament mill-Kummissjoni kull **tlit** snin.

PROĊEDURA

Titolu	Kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja
Referenzi	COM(2011)0215 – C7-0099/2011 – 2011/0093(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 10.5.2011
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 7.7.2011
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Alajos Mészáros 1.9.2011
Eżami fil-kumitat	5.10.2011
Data tal-adozzjoni	23.11.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 45 -: 4 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Vicky Ford, Adam Gierak, Norbert Glante, Robert Goebbels, Fiona Hall, Jacky Hénin, Edit Herczog, Kent Johansson, Romana Jordan Cizelj, Lena Kolarska-Bobińska, Béla Kovács, Philippe Lamberts, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Anni Podimata, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Paul Rübig, Amalia Sartori, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Ioannis A. Tsoukalas, Vladimír Urutchev, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras, Henri Weber
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Francesco De Angelis, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Yannick Jadot, Ivailo Kalfin, Seán Kelly, Holger Krahmer, Werner Langen, Alajos Mészáros, Mario Pirillo, Vladimír Remek
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Cristian Silviu Buşoi, Anna Hedh

PROĊEDURA

Titolu	Kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja		
Referenzi	COM(2011)0215 – C7-0099/2011 – 2011/0093(COD)		
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	13.4.2011		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 10.5.2011		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 7.7.2011		
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Bernhard Rapkay 11.4.2011		
Eżami fil-kumitat	21.6.2011	11.10.2011	21.11.2011
Data tal-adozzjoni	20.12.2011		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 17	–: 4	0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Klaus-Heiner Lehne, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Alexandra Thein, Diana Wallis, Rainer Wieland, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Jean-Marie Cavada, Luis de Grandes Pascual, Vytautas Landsbergis, Kurt Lechner, Eva Lichtenberger		
Data tat-tressiq	11.1.2012		